**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D**

**Illum 7 ta' Lulju 2025**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**Kontra**

**Luke Gatt**

Il-Qorti
Rat illi l-imputat:

**Luke Gatt** ta' 35 sena, Bin Anthony Gatt u Pauline nee' Borg imwieled il-Pieta' nhar l-1 ta' Lulju 1990, residenti ġewwa 105, Triq Hali, Zebbug u detentur tal-Identita' bin-Numru 0317990M.

**U nakkużah talli nhar is-06 ta' Lulju 2025 u fil-gimghat, u fix-xhur ta' qabel, f'diversi hinijiet, f'diversi postijiet, gewwa dawn il-Gzejjer Maltin;**

1. Ikkaguna lill-eks siehba tieghu **Justine Grixti**, fastidju ghal iktar minn darba u gab ruhu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li kien qed ikun ta' fastidju ghall-eks siehba tieghu Justine Grixti, liema delitt twettaq ripetutament;

*Art. 251A (1)(a)(b), Art. 251H(a)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

2. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu, ikkaguna lill-eks siehba tieghu **Justine Grixti**, biza li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` taghha jew kontra l-persuna jew l-proprjeta` ta' xihadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1), liema delitt twettaq ripetutament;

*Art. 251B(1), Art. 251H(a)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

3. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali lill-eks siehba tieghu **Justine Grixti**, jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

*Art. 339(1)(e) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

4. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jaghmel xi reat; jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li jgieghel lil haddiehor biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna ohra; jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih;

*Art. 49(a)(b)(c) tal-Kapitlu 399 tal-Ligijiet ta' Malta*

**U aktar talli nhar is-06 ta' Lulju 2025, bejn 00.01hrs u 01.00hrs, gewwa dawn il-Gzejjer Maltin;**

5. Volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' bieba ta' vettura ta' l-ghamla Toyota Vitz bin-numru ta' registrazzjoni AUD202 ghad-dannu ta' sid l-vettura Mario Grixti.

*Art. 325 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Luke Gatt** a` benefiċċju ta' **Justine Grixti** u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' **Justine Grixti** kif jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Luke Gatt** billi tapplika l-Artikoli 382A et seq. tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil **Luke Gatt** b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq. tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmi **Luke Gatt** sabiex ihallas l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, jekk ikun il-kaz, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-7 ta' Lulju 2025 inqraw l-akkuzi bil-gurament.
Semghet l-imputat jammetti l-imputazzjonijiet.
Rat Art. 251A (1)(a)(b), Art. 251H(a)(b), Art. 251B(1), Art. 325, Art. 339(1)(e), Art 382A, Art.383, Art.412C u Art 533 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Art. 49(a)(b)(c) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat l-atti u dokumentazzjoni kollha tal-kaz.

**Ikkunsidrat**
L-akkuzat ammetta l-ħtija fl-istadju bikri ta' dawn il-proċeduri u kkolabora mal-Pulizija.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 251A(1)(a)(b), 251H(a)(b), 251B(1), 325, 339(1)(e), 382A, 383, 412C u 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni, tikkundana komplessivament lil Luke Gatt għal sena (1) ħabs, sospiża għal sentejn (2) skont it-termini tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ġew spjegati l-poteri u l-konsegwenzi ta' dan l-artikolu, multa ta' elf ewro (€1,000) u tordna Ordni ta' Trażżin kontra Luke Gatt skont l-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal perjodu ta' tliet (3) snin, kif ġej:

1. Tipprojbixxi jew tirrestrinġi lill-imputat milli javviċina jew isegwi b'xi mod il-movimenti ta' Justine Grixti;
2. Tipprojbixxi jew tirrestrinġi lill-imputat milli jkollu aċċess jew joqrob lejn il-post fiżiku magħruf bħala 5, San Mark, Blokk B, Flat 3, Triq Ħal Xluq, Ħaż-Żebbuġ;
3. Tipprojbixxi lill-imputat milli jikkuntattja jew jimmolesta lil Justine Grixti b'ebda mezz, dirett jew indirett.

Jekk l-imputat jikser xi waħda mill-projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet imposti fuqu, u jinsab hati ta' dan, ikun suġġett għal multa ta' sebat elef ewro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn (2), jew it-tnejn li huma.

Tordna wkoll li Luke Gatt iħallas is-somma ta' tliet mitt ewro (€300) lil Mario Grixti fi żmien xahar.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**